MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1143/2005

**Ronald Briffa I.D. 501678(M)**

**Vs**

**Mathew Farrugia u Joseph Farrugia**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm675) rapprezentanti kwantu ghal hames mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm575) prezz ta’ appalt (xoghol ta’ spray) rez u esegwit fuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BAI 716 proprjeta’ tal-konvenuti u mija u tlett liri Maltin u hamsin centezmu (Lm103.50c) VAT. Bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra li l-konvenuti gew debitament notifikati u wiegeb biss Joseph Farrugia fejn irrisponda illi t-talbiet ta’ l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-konvenut Joseph Farrugia ghandu jigi lliberat a spejjez ta’ l-attur stante li Joseph Farrugia qatt m’ghamel xi negozju jew ftehim ma’ l-attur dwar xi xoghol ta’ spray. Ix-xoghol li l-attur ghamel sar fuq inkarigu ta’ terzi wara li l-attur ghamel ftehim bil-miktub ma’ terzi.

Ra li l-attur qatt ma deher fil-kawza, qatt ma pprezenta provi u li fis-seduta tat-23 ta’ Jannar, 2006 il-konvenut Joseph Farrugia talab li jinghata provvediment opportun skond il-ligi sabiex jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju.

Ra li fl-istess seduta l-attur ipprezenta Kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut Mathew Farrugia.

Ra li l-konvenut Mathew Farrugia la deher ghas-seduta u lanqas ma pprezenta Risposta u ghalhekk il-Kapitolu fuq imsemmi jisthoqq li jigi mistqarr fil-konfront tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi a tenur ta’ l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 380, jekk parti tonqos milli tidher ghad-data appuntata ghas-smiegh tal-kawza, l-Aggudikatur ghandu jiddifferixxi l-kawza ghal data ohra u jekk f’din id-data l-ohra tali parti xorta tonqos milli tidher, huwa ghandu jghaddi biex jichad it-talba bl-ispejjez kontra l-istess parti, liema talba, skond il-*proviso* ghall-paragrafu (a) ta’ l-istess Artikolu 13 tista’ ssir biss jekk issir talba f’dan is-sens mill-konvenut.

Illi fil-kawza odjerna saret din it-talba u l-attur xorta baqa’ ma deherx u ghalhekk huwa opportun li jigi applikat l-imsemmi Artikolu 13.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad it-talba ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenut Joseph Farrugia bl-ispejjez kontra l-istess attur, jilqa’ t-talba ta’ l-

attur kontra l-konvenut Mathew Farrugia u jikkundanna lill-konvenut Mathew Farrugia sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm675) bl-ispejjez u bl-interessi li jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika ta' l-Avviz u cjoe' mit-28 ta' Mejju, 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------